***INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATTI***
***ART 1002 – KAP 16***
***RISOLUZZJONI TA' KUNTRATT***
***ART 1069 – KAP 16***

# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru 17**
**Citazzjoni Numru 2487/97 RCP**

**General Cleaners Co. Ltd.**

**vs**

**Accountant General, id-Direttur tal-Kuntratti, ic-Chief Government Medical Officer**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI</u>

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet illi hija

toffri servizzi ta' tindif kif ukoll servizzi ancillari;

Illi s-socjeta attrici kienet ghamlet offerta ghall-ghotja ta' *tender* mahrug mid-Dipartiment tal-Kuntratti numru 501/96 ghal "xogholijiet ta' tindif u servizzi ancillari ghall-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Sahha, avviz ta' liema *tender* deher fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Lulju, 1996;

Illi fl-20 ta' Awissu 1997, id-Direttur tal-Kuntratti baghat lis-socjeta attrici *Notice of Acceptance* li fiha accetta l-offerta tas-socjeta attrici, kopja ta' liema ittra hi hawn annessa u mmarkat Dokument A;

Illi din l-accettazzjoni giet ikkonfermata b'*Letter of Acceptance* iktar dettaljata tal-21 ta' Awissu, 1997, kopja ta' liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument B;

Illi meta l-offerta tas-socjeta attrici giet accettat gie kkostitwit kuntratt bejn il-partijiet;

Illi s-socjeta attrici pprokurat garanzija bankarja ta' sebgha u ghoxrin elf lira Maltija (Lm27,500) favur id-Direttur tal-Kuntratti bhala garanzija ghall-adempjiment ta' l-obbligi taghha taht il-kuntratt;

Illi dan il-kuntratt jistipola inter alia li: *"…the number of cleaners to be utilised on this contract in order to give the desired results and standard of cleanliness is to be of approximately 90".*

Illi is-socjeta attrici kienet qieghda timpiega 95 impjegat fuq xogholijiet ta' tindif skond it-*tender* document;

Illi x-xogholijiet ta' tindif kellhom jibdew fid-9 ta' Settembru, 1997;

Illi fid-9 ta' Settembru, 1997, id-data tal-bidu tal-kuntratt, id-Direttur tal-Kuntratti baghat ittra lis-socjeta attrici fejn allega li s-socjeta attrici ma kienitx wettqet l-obbligi taghha billi ma baghtitx in-numru rikjest ta' haddiema u billi ma fornietx il-haddiema taghha bl-ghodda mehtiega;

Illi fl-istess gurnata s-socjeta attrici rrispondiet ghal din l-ittra fejn spjegat li kienet baghtet numru ta' haddiema bl-ghodda u l-materjal rikjest u dan skond kif kienet ftiehmet mad-Direttur tal-Kuntratti;

Illi fid-19 ta' Settembru 1997 id-Direttur tal-Kuntratti nforma lis-socjeta attrici li kien qed jittermina l-kuntratt premess b'effett mill-21 ta' Settembru 1997;

Illi din it-terminazzjoni hi abbusiva u llegali u dan peress li, kif ser jintwera tul it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta attrici qatt ma kisret il-kundizzjonijiet tat-*tender*;

Illi minhabba din it-terminazzjoni s-socjeta attrici soffriet diversi danni u hsarat f'telf ta' negozju, imghaxijiet kif ukoll peress li qieghda jkollha thallas hafna impjegati ghal xejn;

Illi sar id-debitu avviz ta’ din il-kawza, kif rikjest mill-artikolu tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili;

L-istess socjeta attrici talbet lill-konvenuti jew min minnhom jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara abbusiva u llegali t-terminazzjoni tal-kuntratt maghmula mill-konvenuti fic-cirkostanzi kif fuq inghad billi l-atturi bl-ebda mod ma kienu inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha;

2. Tiddikjara konsegwentement lill-istess konvenuti responsabbli ghad-danni kawzati lill-atturi bit-terminazzjoni tal-kuntratt fuq premess;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici minhabba t-terminazzjoni illegali da parti tal-konvenuti tal-kuntratt, kif fuq premess, u dan, okkorrendo, permezz ta’ esperti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Raymond Fenech bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta’ General Cleaners Co. Ltd. a fol. 3 u 4 rispettivament tal-process u l-lista tax-

xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol. 5 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern a fol. 37A tal-process li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament huwa ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghat-*tenders* saret mid-Direttur tal-Kuntratti u l-eventwali "*letter of acceptance*" kienet indirizzata lis-socjeta attrici mill-konvenut Direttur tal-Kuntratti. Tali kuntratt ghalhekk ma kien bl-ebda mod vinkolanti versu t-Tabib Principali tal-Gvern a bazi tal-principju *res inter alios acta*.

2. Illi fil-mertu t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kienx qed jsir ix-xoghol kif stipulat fil-kuntratt stante li ma kienux qed jintbaghtu nies sufficcjenti sabiex jaghmlu x-xoghol rikjest fil-kuntratt.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess Tabib Principali tal-Gvern kif ukoll il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 38 u 39 rispettivament tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra *Accountant General* u tad-Direttur tal-Kuntratti a fol. 69 tal-process li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament l-*Accountant General* tharrek

inutilment f'din il-kawza u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

3. Illi din is-sejha ghall-offerti ghalqet l-ewwel darba fl-20 ta' Awissu 1996 izda instabet illi l-aggudikazzjoni ta' l-offerti mitfugha ma setghatx issir b'mod ekwu u gust minhabba l-fatt li kull *tenderer* kien thalla fil-liberta' li prattikament jiddeciedi hu kemm jiddetalja nies fis-swali rispettivi ta' l-Isptar fil-hinijiet indikati. Minhabba li dan huwa kuntratt primarjament "*labour intensive*", dan in-nuqqas fil-kundizzjonijiet tat-*tender* seta' jwassal biex l-ghazla tkun soggettiva u mhux bazata b'mod trasparenti fuq il-prezz u l-implikazzjonijiet tieghu.

4. Il-Kumitat Generali tal-Kuntratti fis-seduta tieghu tat-3 ta' Gunju, 1997 irrakomanda li d-dirigenti ta' l-Isptar kellhom jaghmlu skeda gdida li:

a) tistabbilixxi l-inqas numru ta' haddiema li setghu izommu s-swali koncernati fi stat ta' indafa;

b) li allura l-istess skeda kellha turi n-numru preciz ta' haddiema li kellhom jigu iddetaljati mill-kuntrattur fis-swali ta' l-Isptar kif ukoll il-perjodu matul kull gurnata indikata li fih dawn il-haddiema jridu jkunu fizikament prezenti.

Kopja ta' l-iskeda kif mahduma mill-gdid qieghda tigi mehmuza ma' din ir-risposta – Dok. A. Din turi b'mod mill-aktar car li n-numru ta' haddiema li kellhom jigu iddetaljati mill-kuntrattur kuljum ma kienx fid-diskrezzjoni tieghu imma kien marbut man-numru ta' haddiema u l-hin li matulu kellhom ikunu fizikament prezenti ghax-xoghol.

5. Illi l-kuntratt inghata lill-General Cleaners Co. Ltd fl-24 ta' Awissu 1997 u l-*Letter of Acceptance* kienet tistipula b'mod car li x-xoghol kellu jsir f'konformita shiha ma' l-ispecifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet kollha tat-*tender*;

6. Illi fil-11 ta' Settembru, 1997 il-Kumitat Generali tal-kuntratti kellem lis-Sur Ray Fenech tal-General Cleaners Co. Ltd u talbu jispjega ghaliex kien qed juza 35 haddiem inqas minn dak stipulat fil-kuntratt. Is-Sur Fenech wiegeb li d-ditta tieghu kienet qed tuza bizzejjed nies ghax-xoghol mehtieg. Is-Sur Fenech kien infurmat li l-iskeda tat-*tender* kienet tindika n-numru preciz ta' haddiema li kellhom jigu ddettaljati fuq ix-xoghol. Huwa inghata z-zmien sa l-ghada f'nofsinhar biex jikkonferma li kien lest li jibghat in-numru ta' haddiema stipulati fl-iskeda.

7. Illi fid-9 ta' Settembru 1997 ic-*Chief Government Medical Officer* gibed l-attenzjoni tal-General Cleaners Co. Ltd. li kienet baghtet 37 haddiem inqas min-numru stipulat fil-kuntratt. Id-ditta giet imwissija li jekk is-sitwazzjoni ma kieneitx ser titranga huwa kien ser jikteb lid-Direttur tal-Kuntratti biex jiehu l-passi mehtiega skond il-kuntratt – Dok.

B;

8. Illi fit-12 ta' Settembru 1997 it-Tabib Principali tal-Gvern (CGMO) informa lid-Direttur tal-Kuntratti li "*mill-gdid il-General Cleaners Co. Ltd. naqset li tibghat in-numru ta' haddiema stipulati fil-kuntratt. Infatti kellha 35 haddiema inqas minn dak stipulat. Il-Kumitat Generali tal-Kuntratturi ghandu jikkonsidra serjament li, f'dawn ic-cirkostanzi, jittermina l-kuntratt*" – Dok. C'

9. Illi f'ittra ohra datata 15 ta' Settembru, 1997 l-istess ufficcjal rega ikkonferma li l-General Cleaners Co. Ltd. baqghet ma bghatitx in-numru ta' nies stipulati fil-kuntratt u li d-Dipartiment kien ikkunsidra li dan kien ksur tal-kuntratt. Fic-cirkostanzi d-Diretturi tal-Kuntratti gie mitlub jikkonsidra l-kuntratt bhala 'abandoned' u biex dan jinghata lil kuntrattur iehor - Dok. D.

10. Illi minhabba dan u wkoll il-fatt li t-tindif ta' l-Isptar kien essenzjali li jsir u jsir kif ikkuntrattjat, id-Direttur tal-Kuntratti ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jittermina l-kuntratt mghoti lill-General Cleaners Co. Ltd. u li jzomm lil din il-kumpanija responsabbli tad-danni li kien ser isofri l-Gvern;

11. Illi ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-kuntratt kienet gustifikata. Mhux minnu li t-terminazzjoni saret b'mod abbuziv jew illegali u lanqas m'hu minnu li gew ikkawzati xi danni lid-ditta General Cleaners Co. Ltd. Id-ditta wara li

hadet il-kuntratt, naqset b'mod serju u persistenti li timxi mal-kundizzjonijiet ta' l-istess kuntratt, liema kuntratt huwa ta' natura essenzjali ghas-servizzi tas-sahha ta' pajjizna.

12. Salv' eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess *Accountant General* u tad-Direttur tal-Kuntratti kif ukoll il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 71 et seq. tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti nkluzi dawk tal-25 ta' Frar 1998, 30 ta' Marzu 1998, 20 ta' Mejju 1998, 26 ta' Gunju 1998, 14 ta' Dicembru 1998, 21 ta' Mejju 1999, 28 ta' Gunju 1999, 3 ta' Novembru 1999, 13 ta' Marzu 2000, u 8 ta' Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta, u tad-9 t'Ottubru 2000 u tas-16 ta' Novembru 2000 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat l-affidavit ta' Raymond Fenech a fol 86 tal-process li jidher li lanqas gie mahluf; l-affidavit ta' Jeampiero Corrieri tat-22 ta' April 1998; u l-affidavit tad-Direttur tal-Kuntratti tat-23 ta' April 1999; l-affidavits ta' Dr Eddie Rapa, Juliette Pace, Paul Azzopardi, Sr Louise Ebejer, Mary Grace Bonello, u Charles Grima.

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza thalliet ghall-gheluq tal-provi kollha tal-partijiet u finali trattazzjoni

ghall-20 ta' Gunju 2001; is-seduta tal-20 ta' Gunju 2001 fejn il-partijiet ma resqu ebda provi pero` talbu li jaghmlu nota u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001 bil-fakolta li l-partijiet jaghmlu nota fit-termini hemm indikati.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti Accountant General u tad-Direttur tal-Kuntratti.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. PROVI

Is-socjeta attrici resqet lil **Raymond Fenech** li xehed permezz ta' affidavit a fol. 86 et seq. tal-process. Dan ix-xhud jghid illi huwa *Managing Director* tas-socjeta attrici u li l-istess socjeta attrici kienet ilha toffri s-servizzi taghha lid-Dipartiment tas-Sahha, partikolarment fl-Isptar San Luqa sa minn Marzu, 1994. Jghid ukoll illi matul "*dawn is-snin kollha id-dipartiment tas-sahha dejjem wera ruhu sodisfatt bix-xoghol li konna nwettqu u nista' nghid li qatt ma kellna problemi kbar fl-operazzjonijiet taghna fl-*Isptar". Jghid ukoll illi b'ittra tal-"*20 ta' Awissu 1997 id-Dipartiment tal-kuntratti nfurmani li kien qieghed jaccetta l-offerta tal-kumpanija taghna*" u sussegwentement f'ittra ohra tal-21 ta' Awissu, 1997 "*gejna mitluba nipprovdu garanzija bankarja a favur*

*tad-Dipartiment tal-Kuntratti fi zmien sebat' ijiem*" liema garanzija giet provduta lid-Dipartiment fi zmien rikjest.

Jghid illi fid-29 ta' Awissu, 1997 huwa gie nfurmat permezz ta' fax, minghand is-Sur Charles Chase, tal-Ministeru tas-Sahha, illi s-socjeta attrici kellha tibda x-xogholijiet fl-ewwel ta' Settembru 1997. Pero`, peress illi l-kuntratt il-qadim kien jiskadi fit-8 ta' Settembru, 1997, ix-xogholijiet skond il-kuntratt il-gdid kellhom jibdew fid-9 ta' Settembru, 1997.

Dak in-nhar li is-socjeta attrici bdiet il-kuntratt taghha, hija giet infurmata permezz ta' ittra mibghuta mis-Sur J.M. Cachia ghall-*Chief Government Medical Officer*, illi ma kienitx baghtet il-haddiema rikjesti skond il-kuntratt iffirmat. Di fatti jghid dan ix-xhud illi skond is-CGMO huma kienu baghtu 37 haddiem inqas milli kienu miftehma oltre li naqsu milli jfornu lill-impjegati bl-ghodod u l-materjali necessarji sabiex jesegwixxu xogholhom.

Dan ix-xhud jghid illi huwa irrisponda ghal din l-ittra u jghid ukoll illi "*ma kienx hemm ilment ufficcjali dwar il-livell ta' indafa u dwar ix-xoghol imwettaq minnha*".

Fid-19 ta' Settembru, 1997, s-socjeta attrici giet infurmata illi il-kuntratt kien ser jigi terminat fil-21 ta' Settembru 1997 u dan peress "*illi you are considered to be in breach of the Contract*".

Dwar il-kwistjoni huwa jghid illi huma ma kisru l-ebda

klawsola tal-kuntratt. Dwar dan il-punt huwa jghid illi s-socjeta attrici impjegat "*madwar disghin haddiem ghat-thaddim tal-Kuntratt*".

Jghid illi l-konvenuti minn naha taghhom qed jghidu "*li kellhom jigu mibghuta ghax-xoghol fl*-Isptar *San Luqa 90 haddiem kuljum u mhux 90 haddiem komplessivament*". Jghid illi kieku l-ftehim ried ifisser hekk, allura s-socjeta attrici riedet timpjega mal-135 haddiem. Ray Fenech jghid illi fid-9 ta' Settembru, 1997 huwa baghat 53 haddiem ghax-xoghol. Anke meta kien hemm diskussjonijiet bejn il-kontendenti jew uhud minnhom, dwar dan il-punt, dan ix-xhud jghid illi "*ir-risposta li nghatatli kienet vaga u fis-sens li kelli nimxi skond il-kuntratt*". Finalment jghid illi "*id-dipartiment tal-kuntratti jifhem li ghall-prezz li offrejtlu ma stajtx nimpjega iktar minn madwar disghin haddiem ghall-sena bil-minimum wage*".

Xehed ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit **Giampiero Corrieri** liema affidavit jinsab esebit a fol. 93 tal-process. Jghid illi huwa kien involut fil-progett dwar it-*tender* numru 501/96 peress li "*kont hdimt il-costings u ghamilt il-kalkoli finanzjarji a bazi ta' liema ntefa' t-tender".* Dan ix-xhud jghid illi huwa kien prezenti ghall-laqgha li Ray Fenech kellu mas-Sur MacDougall, Chief Executive ta' l-Isptar San Luqa. Jghid illi *"din il-laqgha kienet saret wara li konna tfajna l-ewwel offerta ghall-ghoti tat-tender. Fil-fatt f'din il-laqgha s-Sur MacDougall kien qalilna li l-prezz li konna offrejna kienet gholja wisq u li ghaldaqstant kellna*

*nbaxxuha". Jkompli jzid u jghid illi "ghalhekk a bazi ta' dak li kien qalilna s-Sur MacDougall u a bazi tal-kuntratt stess li jirrikjedi li jigu mpjegati madwar disghin persuna fuq il-kuntratt, jiena hrigt costings u prezz gdid. Il-prezz finali li kkwotajna lid-dipartiment kien jinkludi l-impjieg ta' madwar disghin persuna fuq il-kuntratt kollu u mhux disghin persuna kuljum*".

Xehed ukoll, permezz tal-procedura ta' l-affidavit, **Robert Aquilina**, liema xhieda tinsab esebita a fol. 94 tal-process. Jghid illi huwa awditur u konsulent tad-Ditta General Cleaners Co. Ltd. Jghid illi biex hadmet l-offerta s-socjeta attrici, kellha tirriferixxi ghall-iskeda imsemmija "*Areas to be covered by contract – St. Luke's Hospital*" minn liema kien jirrizulta n-numru ta' haddiema kif ukoll ir-rata fil-gimgha li hija kellha tikkwota ghas-servizzi li kienet ser tipprovdi. Fl-iskeda, bhala "*Special Consideration*" hemm klawsola li tghid:

"*It is expected that the number of cleaners to be utilised on this contract in order to give the desired results and standards of cleanliness is to be of approximately 90*".

Il-laqgha li kienet saret mas-Sur Alistair Mac Dougall ukoll tissema minn dan ix-xhud. Huwa jghid illi "*f'dik il-laqgha huwa spjegalna car li l-prezz li konna kkwotajna originarjament kien gholi u ma kellhomx rizorsi biex ihallsu. Hu qalilna li biex wiehed jista jahdem offerta iktar ragjonevoli li tkun accettabbli ghalihom stajna naghmlu din*

*l-offerta fuq l-istess bazi tax-xoghol kif konna gia qed nahdmu. Fil-fatt diga kellna kuntratt ghat-tindif ta' seba' wards fl-*Isptar*, kif ukoll fl-out patients block. Konna ilna nahdmu l-*Isptar *ghal madwar erba' snin u s-Sur Mac Dougall wera ruhu sodisfatt hafna bis-servizz li konna qed noffru*".

Finalment jghid illi huma hadmu l-offerta fuq il-bazi li kellhom jimpjegaw 90 haddiem b'kollox.

A fol. 105 tal-process hemm l-affidavit tad-**Direttur tal-Kuntratti**. Huwa jghid illi fid-19 ta' Lulju, 1996 id-Dipartiment tal-Kuntratti ippubblika sejha ghall-offerti biex jinghata servizz ta' tindif fl-Isptar San Luqa. Ghal din is-sejha tefghet l-offerta taghha, fost ohrajn, il-General Cleaners Co. Ltd. Jghid ukoll illi l-Kumitat Generali tal-Kuntratti iddecieda li l-ebda offerta mitfugha ma tigi accettata u dan ghaliex d-dokument ta' l-offerta ma kienx joffri bazi cara li fuqha setghet issir aggudikazzjoni trasparenti u gusta. Sar studju sabiex jigi stabbilit "*a) l-inqas numru ta' haddiema li kienu meqjusa mehtiega kuljum biex il-kuntrattur izomm l-*Isptar *nadif, u b) in-numru ta' impjegati full time mehtiega ghal kull sala, etc ta' l-*Isptar *bejn il-hinijiet indikati fit-tender kif originarjament mahruga*". Wara li sar l-istudju giet imhejjija skeda gdida li kienet turi kemm il-hinijiet kif ukoll in-numru minimu ta' haddiema li fil-perjodi stipulati kellhom ikunu prezenti fis-swali, etc ghal skop ta' tindif. Jghid id-Direttur tal-kuntratti illi "*dan il-fatt wahdu kien bizzejjed biex iwassal lit-tenderers ghal*

*konkluzjoni definittiva dwar in-numru ta' haddiema li kellhom jigu 'deployed' kuljum biex jigi onorat il-kuntratt. Infatti, fit-tmiem ta' l-iskeda jissemma li n-numru ta' haddiema mehtiega kien madwar disghin (90). Ex admissis jghid illi minkejja li "wara n-numru "90" ma hemmx il-kelma "kuljum", meta wiehed jikkalkula fuq il-bazi tal-hinijiet stipulati ghal kull sala, etc u n-numru minimu ta' haddiema rikjest matul dawn l-istess hinijiet, wiehed jista' facilment jikkonkludi li n-numru "90" jirreferi ghan-numru ta' haddiema mehtiega kuljum. Fil-fatt jirrizulta li t-tenderers kollha barra il-General Cleaners Co. Ltd. (is-socjeta attrici) waslu ghal din il-konkluzjoni*".

Jghid illi hekk kif appena bdiet tahdem il-kuntratt, is-socjeta attrici ma kienitx qed tikkonforma ma' l-iskeda tat-*tender* fejn jirrigwarda n-numru ta' haddiema li kellhom jigu '*deployed'* kuljum u dan minkejja twissijiet mill-awtorita ta' l-Isptar. Dan ix-xhud jkompli jghid illi fil-11 ta' Settembru, 1997 il-Kumitat Generali tal-Kuntratti iddiskuta din il-problema w ottjena konferma minn tliet ufficcjali gholja mid-Dipartiment tas-Sahha li fil-fatt il-kuntrattur kien qed jibghat madwar 35 haddiem inqas kuljum minn numru stipulat fil-kuntratt. Jkompli jghid illi "*meta waqt l-istess laqgha l-kumitat kellem lis-Sur Ray Fenech, Managing Director tal-General Cleaners Co. Ltd., dan sostna li kien qed juza bizzejjed haddiema biex jaghmel ix-xoghol mehtieg u li l-iskeda tat-tenders ma kienitx tindika li l-haddiema indikati ghal kull sala, etc kellhom ikunu prezenti kuljum. Huwa sostna li kien qed josserva l-kundizzjonijiet tal-kuntratt*."

Finalment jghid illi l-Kumitat Generali tal-Kuntratti informa lis-Sur Fenech li ma kienx qed jaccetta l-ispjegazzjoni tieghu w insista li l-iskeda tat-*tender* kienet cara hafna dwar il-hinijiet stipulati u n-numru ta' haddiema li kellhom jahdmu matul l-istess hinijiet. Fil-fatt il-Kumitat tah sat-12 ta' Settembru, 1997 biex jaderixxi ruhu mat-termini tal-kuntratt u peress illi dan il-kumitat baqa' ma rcieva l-ebda risposta minghand is-socjeta attrici, fil-laqgha tat-18 ta' Settembru, 1997 gie deciz li jigi terminat il-kuntratt u li s-socjeta attrici kienet qed tinzamm responsabbli ghad-danni kollha li kien ser isofri l-Gvern. It-terminazzjoni effettiva tal-kuntratt kellha tigi fis-sehh fil-21 ta' Settembru, 1997.

Xehed **Dottor Espedito sive Eddie Rapa** permezz tal-procedura ta' l-affidavit a fol. 113 tal-process. Dan jghid illi huwa ma kienx il-persuna inkarigata mis-supervizzjoni ta' l-esegwibilita tal-kuntratt, pero` in-*Nursing Officers* kif ukoll in-*Nursing Managers* kienu jaghmlulu rapporti ta' kuljum fuq l-ammonti ta' nies mibghuta mill-kuntrattur fil-*wards* rispettivi taghhom. Huwa kien jghaddi dawn ir-rapporti lil Dr. Cachia, l-Agent Tabib Pricipali tal-Gvern. Jghid illi l-kuntrattur kemm-il darba nghata l-opportunita` sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu izda ma sar l-ebda tibdil min naha tieghu fl-ammont ta' nies mibghuta sabiex iwettqu x-xoghol fil-*wards*. Dan kollu affettwa il-grad ta' tindif u allura l-igene fl-Isptar San Luqa.

Xehdu ukoll diversi *nursing officers* li jahdmu gewwa l-

Isptar San Luqa li ilkoll qalu bazikament illi minkejja li s-swali fejn kienu jahdmu kienu jirrikjedu madwar tlett haddiema, dejjem kienu jintbaghtu tnejn u b'hekk ma kienux jlahhqu mal-*work load*.

## III. PROVI DOKUMENTARJI

Il-kontendenti f'din il-kawza ipprezentaw u esebew diversi dokumenti in konnessjoni mat-*tender*.

Dwar il-punt ta' kontestazzjoni u cioe` dwar in-numru ta' haddiema li kellhom jigu mqabda sabiex jiehdu hsieb l-indafa ta' l-Isptar San Luqa jirrizulta is-segwenti paragrafu mid-dokument intitolat "*Areas to be covered by contract – St. Luke Hospital taht ir-rubrika Special Considerations*".

*"It is expected that the number of cleaners to be utilised on this contract in order to give the desired results and standards of cleanliness is to be approximately 90. The successful tenderer will have to submit a daily list to the Hospital Authorities, of those employees on cleaning duties inside the hospital".*

## IV. OSSERVAZZJONIJIET

Din il-vertenza odjerna *in poco parole* hija dwar interpretazzjoni li qed jaghtu z-zewg partijiet ta' din il-

klawsola hawn fuq indikata. Is-socjeta attrici qed tghid illi l-ammont ta' disghin (90) haddiem kellu jkun l-ammont kollu ta' haddiema li kellhom jigu impjegati pero` mhux bilfors kellhom jintbaghtu ilkoll f'daqqa sabiex jnaddfu l-Isptar San Luqa, u mill-banda l-ohra l-konvenuti qed jghidu illi dan l-ammont ta' disghin (90) ruh kellhom jintbaghtu kuljum u f'daqqa sabiex jaghmlu x-xoghol ta' tindif rikjest.

Jibda biex jinghad illi bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvalta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Jintqal inoltre illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Jirrizulta, u din hi anke r-*ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga w ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju "*in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Kif diga inghad iz-zewg partijiet qed jaghtu interpretazzjoni differenti ta' klawsola fl-imsemmi kuntratt. F' dan ir-rigward, il-Qorti rat id-dokumenti kollha u waslet ghas-segwenti konkluzjoni.

## V. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-ewwel eccezzjoni mghotija mill-*Accountant General* hija li huwa tharrek inutilment f'din il-kawza. Mill-provi prodotti ma jirrizultax konnessjoni bejn l-*Accountant General* u s-socjeta attrici u allura din l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess *Accountant General* qed tintlaqa u b'hekk qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Anke l-ewwel eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern tghid illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u li b'hekk gie mharrek inutilment f'din il-kawza. Illi mid-dicitura tal-kuntratt u senjatament tal-i*Specifications for Cleaning & Ancillary Services at St Luke's Hospital* jirrizulta illi c-*Chief Government Medical Officer* huwa intimament konness ma dan il-kuntratt u allura huwa mehtieg fil-kawza.

## VI. KONSIDERAZZJONIJIET ULTERJURI

L-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti jikkoncernaw kollha dwar in-numru ta' nies li kienet qed tibghat is-socjeta attrici ghax-xoghol gewwa l-Isptar San Luqa.

Illi mid-dokument esebit a fol. 13 jirrizulta illi hemm diversi kolonni, fosthom hemm tnejn intestati "*Coverage Time*" u "*No. of Cleaners*". Illi fejn il-hinijiet indikati hemm n-numru

ta' *cleaners* rikjesti. B'hekk jekk wiehed jiehu bhala ezempju is-segwenti:

| BLOCK | SITE | FLOORS | COVERAGE TIME | NO. OF CLEANERS | TOTAL WEEKLY COST INCLUDING ALL CHARGES |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 2 | | Child Development Assessment Unit | 7.30a.m. – 2.30p.m. | 3 | |
| | | | | | |
| 3 | St Luke Hospital Main Block | Fairyland Ward | a) 7.00a.m.– 2.30p.m.<br>b) 7.00a.m.–6.30p.m. | 1<br>1 | |
| | | | | | |

Illi hija cara li l-intenzjonijiet ta' l-awtoritajiet kellha tkun illi kellu jkun hemm dawn il-haddiema prezenti waqt il-hinijiet stipulati. B'hekk jekk wiehed jghodd il-haddiema kollha indikati fi Blokk 2, 3 u 4 jirrizulta illi kellu jkun hemm prezenti kuljum disgha u sebghin (79) haddiem.

Din hija l-unika interprettazzjoni, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li ghandha tinghata ghal dan il-kuntratt u dan ghas-sewgenti ragunijiet:-

(a) Illi fl-ewwel lok il-kliem tal-istess klawsola huwa car fih innifsu u jirreferi specifikatament ghall-utilizzazzjoni tal-

istess nies impjegati bhala *cleaners* fl-esekuzzjoni tal-istess kuntratt. Dan ma jistax ma jirreferix ghad-*deployment* attwali tal-istess impjegati fuq il-post tax-xoghol innifsu, ghaliex altrimenti kull spjegazzjoni ohra ma taghmilx sens. Fil-fatt jidher car meta wiehed jara l-kuntratt fil-komplessita' tieghu kollha li l-intenzjoni tal-istess partijiet kienet dejjem li jkun hemm mhux biss nies bizzejjed fis-swali indikati sabiex jaghmlu l-istess xoghol, izda addirittura li jkun hemm *back up* tal-istess haddiema, tenut kont ukoll tal-importanza li tinzamm igene assoluta f'post tant delikat bhal ma huwa l-Isptar.

Illi hawn wiehed jirreferi ghall-*'affidavit'* ta' Raymond Fenech, *Managing Director* tas-socjeta' attrici a fol. 86 sa 89 tal-process, u din il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li dan l-affidavit ghalkemm iffirmat mill-istess persuna, pero' ma jirrizultax li huwa mahluf, u ghalkemm jidher li l-parti l-ohra fil-kawza ma qalet xejn dwar l-istess, din il-Qorti lanqas thoss li dan ghalhekk ghandu jikkostitwixxi prova f'din il-kawza.

Illi pero' bla pregudizzju ghall-premess, l-argumentazzjoni principali tal-istess socjeta' attrici hija li l-istess socjeta' ottemperat ruhha mal-istess ftehim stante, li kif spjega l-istess rappresentant anke fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mal-istess citazzjoni, hija kienet qed timpjega 95 persuna maghha sabiex jahdmu fuq l-istess kuntratt.

Illi apparti l-fatt li provi dwar dan l-istess socjeta' attrici naqset li tressaq u ghalhekk anke taht dan l-aspett l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi, din l-interprettazzjoni tas-socjeta' attrici ma tistax tigi fic-cirkostanzi accettata, ghaliex jidher car li l-kuntratt kien dejjem qed jirreferi ghan-numri ta' persuni li kellhom jigu inkarigati sabiex jaghmlu l-istess xoghol ta' tindif fid-diversi swali tal-Isptar, li jaqghu fil-kompetenza tal-istess ftehim, u certament ma kienux jirreferu ghal kemm persuni l-istess socjeta' kienet impjegat maghha, stante li tali impjieg ta' persuni mas-socjeta' attrici hija haga li tara hi u ma ghandha x'taqsam xejn mal-istess kuntratt.

Illi fi kliem iehor jekk tali socjeta' kellha maghha bhala impjegati 200, 300 jew 400 persuna dan fil-kuntest tal-kuntratt ma jfisser xejn, u ma ghandu jfisser xejn, ghaliex dak li huwa naturalment importanti huwa kemm l-istess socjeta' attwalment ikkommisjonat *cleaners* sabiex jahdmu fuq l-istess kuntratt skond l-iskeda annessa mal-istess ftehim. Fil-fatt in-numru tal-impjegati tal-istess socjeta' huma ghal kollox irrelevanti, stante li tali impjegati huma kemm huma, ma jirrifletti xejn fuq l-esekuzzjoni tal-kuntratt *de quo,* u lanqas ghall-esekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt, tenut anke kont tal-fatt li l-istess impjegati jistghu ikun *detailed* mill-istess socjeta' sabiex jaghmlu xoghol iehor in konnessjoni ma' kuntratti ohra.

Illi huwa ovvju li taht dawn ic-cirkostanzi n-necessita' fl-istess kuntratt li jkun hemm dejjem circa 90 persuna sabiex

jaghmlu xoghol ta' tindif fl-istess swali jinnecessita' li jkunu impjegati izjed persuni minn dak in-numru, sabiex l-istess socjeta' dejjem tkun tista' tissuplixxi l-istess ammont ta' haddiema ghall-postijiet specifici indikati fl-istess kuntratt.

(b) Illi fit-tieni lok din il-versjoni tas-socjeta' attrici lanqas tista' tigi accettata stante li tali klawsola ghandha tiftiehem ukoll fl-isfond tad-Dok. "A" a fol. 75 tal-process li jindika b'mod specifiku mhux biss in-numru ta' impjegati li kellhom ikunu utilizzati fuq l-istess xoghol ta' tindif fl-Isptar, izda wkoll sahansitra skeda dettaljata tal-hinijiet u swali fejn l-istess persuni provduti mis-socjeta' attrici kellhom jaghtu is-servizz taghhom, u liema skeda kienet tifforma parti mill-ftehim iffirmat mas-socjeta' attrici, u ghalhekk parti mill-obbligazzjonijiet tal-istess socjeta' li assumiet fil-konfront tal-konvenuti fil-kawza.

Illi mhux hekk biss izda fl-istess skeda jinghad bl-iktar mod esplicitu li:-

***"Special considerations"***

"It is expected that the number of cleaners to be utilised on this contract in order to give the desired results and standards of cleanliness is to be approximately 90. The successful *tender*er will have to submit a daily list to the Hospital Authorities, of those employees on cleaning duties inside the hospital".

Illi ma hemmx dubju, fl-opinjoni tal-Qorti, li l-kundizzjoni li s-socjeta' attrici kellha taghti kuljum lista tal-impjegati li kellhom ikunu qeghdin jahdmu bhala *cleaners* fl-Isptar skond l-istess skeda ta' hinijiet u swali tindika b'mod mill-iktar specifiku ghad-*deployment* attwali tal-istess numru ta' persuni fuq il-lant tax-xoghol, u allura indikattiva biss ghan-numru ta' persuni attwalment fl-istess Sptar jesegwixxu l-istess xogholijiet *'on a day to day basis'.* Dwar dan il-kliem tal-istess klawsola huwa car, u ma ghandu bzonn ebda interpretazzjoni ulterjuri, anzi jidher li kull sinifikat iehor jirrendi l-istess dicitura tal-klawsola fuq indikata bla ebda sinifikat kwalunwke, u certament li l-kuntratti ma ghandhomx jinqraw u jinftehmu f'dak l-ispirtu, izda dejjem li jaghmlu sens, u maghmula w interprettati *in bona fede.*

(c) Illi mhux hekk biss izda jirrizulta li is-sejha ghall-offerti saret fid-19 ta' Lulju 1996 u ghalqet fl-20 ta' Awissu 1996, u minkejja li kien hemm hames (5) offerti inkluza dik tas-socjeta' attrici, tali offerti lanqas biss gew accettati stante li ma kellhomx bizzejjed bazi fuq x'hiex issir aggudikazzjoni gusta, tant li d-Dipartiment tas-Sahha gie mitlub sabiex jindika l-inqas numru ta' haddiema li kienu mehtiega kuljum sabiex l-istess Sptar jinzamm nadif u n-numru ta' haddiema *full time* mehtiega ghal kull sala w il-hinijet relattivi, haga li l-ewwel *tender* kien halla ghal kollox f'idejn it-*tenderers.* Illi kien ghalhekk li saret l-istess skeda ta' hinijiet u l-minimu ta' pesuni mehtiega ghal tali xoghol fis-swali indikati, u kien abbazi tal-istess rizultanzi li l-istess numru ta' haddiema kien specifikat ghall-cirka 90. Fil-fatt kien biss wara l-

introduzzjoni tal-istess skeda li kienet tifforma parti essenzjali mill-kuntratt *de quo* li l-istess *tender* gie finalment aggudikat, u fl-ahharnett moghti lis-socjeta' attrici wara li hija wkoll kienet tefghet l-offerta taghha riveduta.

Illi dan kollu bl-ebda mod ma gie kontradett jew kontrastat mis-socjeta' attrici, anzi jinsab addirittura accettat, u minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe l-importanza massima tal-istess skeda ta' hinijiet u numru minimu ta' persuni li kellhom jkunu assenjati kuljum sabiex inadfu il-varji swali fl-istess Sptar b'mod dettaljat, tant li minhabba in-nuqqas ta' tali skeda fl-ewwel sejha ghall-offerti, l-istess *tender* ma kienx gie assenjat u aggudikat, u dan sar biss wara l-introduzzjoni u l-inkluzjoni tal-istess skeda fil-kuntratt innifsu mertu tal-kawza odjerna. Dan juri b'mod konkludenti li l-versjoni tas-socjeta' attrici ghall-interpretazzjoni tal-kuntratt ma tista' qatt tigi accettata, ghaliex l-emfazi cara u skjeta' kienet dejjem fuq in-numru ta' persuni attwalment okkupati bix-xoghol kuljum ta' tindif fl-istess sptar, konsiderazzjoni li originarjament minhabba in-nuqqas fid-dettalji taghha ma kienx aggudikat it-*tender,* li inghata biss wara li saret tali klarifika bid-dokument in kwistjoni *"Areas to be Covered by Contract"* li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 13 tal-process.

(d) Illi fil-fatt jinghad ukoll li dan l-istess dokument issir ukoll riferenza specifika ghalih fl-"*Acceptance of Tender"* mid-Direttur tal-Kuntratti datat 21 ta' Awissu 1997 fejn jinghad li:

*"In confirmation of our communication dated 20th August 1997, I am to inform you that Government has accepted your original tender dated 19th August 1997 and as further tendered on the 7th July 1997, made under Contracts Notice No. 501/96 and the Conditions of Contract, copies attached, for the Cleaning and Ancillary Services at St. Luke's Hospital, Block2, 3, and 4 and back up service for Block 5 as indicated on the "Schedule of Works" and "areas to be covered" and in full conformity to the attached Specifications and Conditions all charges paid and at the rates shown on the attached Schedule".*

*"You are requested to submit to the Hospital Authorities a daily list of those employees performing cleaning duties inside the hospital and you are to ensure that the standard of cleanliness is of the highest quality".*

Illi dan kollu jikkonferma l-importanza li giet moghtija fuq l-istess kuntratt ghan-numru tan-nies li jahdmu fl-istess swali, u l-emfazi kienet dejjem fuq il-minimu ta' persuni li kellhom attwalment jigu provduti ghax-xoghol fis-swali indikati ghal kull gurnata, tant li l-istess kienet ukoll inserita, kif jidher, anke fil-*Letter of Acceptance* tal-21 ta' Awissu 1997.

Illi stabbilit dan jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess socjeta' attrici sa' mill-bidu nett tad-data tal-esekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt ma adderixxietx ruhha mal-istess kundizzjoni, tant li b'effett mid-9 ta' Settembru

1997, bdew isiru ilmenti li l-i*staff* li kellha tipprovdi l-istess socjeta' attrici kien ferm anqas min-numru minimu stipulat fl-istess kuntratt u dan kif jirrizulta minn ittra tal-istess data, u tat-12, 13, 15, 16, 17, 18, u 19 ta' Settembru 1997 minn Dr. E. Rapa *Medical Administrator* tal-Isptar San Luqa (Dok. "BG1", Dok. "BG 5", "Dok. BG 6", "Dok. BG 7", Dok. "BG 8" Dok. "BG 9", Dok. "BG 10" u Dok. "BG 11"); ittri tal-10 u 12 ta' Settembru minn Dr. John Cachia, *Acting C.G.M.O* tal-istess Sptar (Dok. "BG 4" u Dok. "BG 5") apparti ix-xhieda ta' Juliet Pace Azzopardi, Paul Azzopardi, Sister Louise Ebejer, Marie Grace Bonello, u Charles Grima.

Illi mhux hekk biss izda jidher li Dr. John Cachia bhala *A/Chief Government Medical Officer* mill-ewwel kiteb lill-istess socjeta' attrici fid-9 ta' Settembru 1997, u s-socjeta' attrici irrispondiet bl-ittra taghha tad-9 ta' Settembru 1997 fejn sostniet li hija kienet qed tosserva il-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt u baqghet ghalhekk ma baghtitx in-numru ta' haddiema rikjesti fl-istess kuntratt u ghalhekk kawza ta' dan Dr. John Cachia informa b'dan lid-Direttur tal-Kuntratti b'ittra datata 12 ta' Settembru 1997 (Dok. "C" – fol. 78), kif l-istess ghamel Dr. R. Xerri ghall-*Acting Chief Medical Officer* bl-ittra tal-15 ta' Settembru 1997 (Dok. "D" – fol. 79).

Illi din il-kwistjoni giet quddiem il-Kumitat Generali tal-Kuntratti fil-11 ta' Settembru 1997, u wara li gie accertat li l-istess socjeta' attrici kienet qed tibghat 35 il-haddiem inqas kuljum min-numru minimu stipulat fil-kuntratt, u wara li

kellmet ukoll lill-istess Raymond Fenech ghan-nom tas-socjeta' attrici, li baqa' jinsisti li huwa qed jonora l-istess kuntratt, l-istess Kumitat Generali tal-Kuntratti ta' lis-socjeta' attrici sat-12 ta' Settembru 1997 sabiex taderixxi ruhha man-numru ta' persuni mehtiega li jkunu qed jahdmu skond il-kuntratt. Dan baqa' ma sarx u ghalhekk il-Kumitat Generali tal-Kuntratti fil-laqgha tat-18 ta' Settembru 1997 ittermina l-kuntratt mas-socjeta' attrici, liema terminazzjoni giet ikkomunikata lill-kumpanija attrici fid-19 ta' Settembru 1997 u t-terminazzjoni effettiva sehhet fil-21 ta' Settembru 1997 kif jirrizulta minn Dok. "J" a fol. 31 tal-process.

Illi ghandu jigi wkoll rilevat li din ir-referenza lill-Kumitat Generali tal-Kuntratti tinsab prevista fl-artikolu 22 tal-*General Conditions Of Contract For The Execution of Works In Malta* fejn jinghad li:-

*"In the event of any difference of opinion arising between the Head of the Department and the Contractor, the dispute shall be referred to a committee composed of the unofficial members of the Contracts Committee, whose decision shall be final and binding".*

Illi b'konsegwenza ta' dan l-istess socjeta' attrici, la darba accettat it-termini tal-istess kuntratt, accettat ukoll tali klawsola, u ghalhekk kellha ukoll l-obbligu li toqghod ghad-decizjoni hemm mehuda.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma hemm l-ebda dubju li s-socjeta' attrici kienet qed tikser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt stante li mid-data ta' meta l-istess kuntratt kellu jithaddem mid-9 ta' Settembru 1997, lanqas ghal gurnata ma ipprovda l-minimu ta' ammont ta' *cleaners* rikjesti skond l-istess kuntratt, anzi l-istess socjeta' attrici baqghet tippersisti f'dan l-agir taghha nonostante li kienet imwissija diversi drabi dwar il-konsegwenzi tal-istess kif jidher mid-dokumenti kollha esebiti, u mill-affidavit tad-Direttur tal-Kuntratti, u ghalhekk minhabba din l-inadempjenza da parte tas-socjeta' attrici l-istess kuntratt gie effettivament terminat mid-Direttur tal-Kuntratti.

Illi dan setgha ssir *ai termini* tal-klawsoli 20 u 25 tal-i*Specifications For Cleaning & Ancillary Services At St. Luke's Hospital* (fol. 18 u 19) li jaghtu id-dritt lic-*Chief Government Medical Officer* li jittermina il-kuntratt f'kaz ta' kull ksur tal-istess ftehim da parte tal-kuntrattur, cioe' is-socjeta' attrici, u dan ukoll *ai termini* tal-artikolu 28 tal-*General Conditions Of Contract For The Execution of Works In Malta,* li jinsab esebit a fol. 23 u 24 tal-process u li jaghmel parti integrali mill-kuntratt u kundizzjonijiet accettati mis-socjeta' attrici, u dan bla pregudizzju ghall penalitajiet ohra kontemplati fl-istess regolamenti.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici ma kienitx qed twettaq l-obbligi minnha assunti. Di fatti mill-ittri mibghuta mill-*Medical Administrator* Eddie Rapa jirrizultaw konfermati l-istess lanjanzi mill-bidu nett li s-

socjeta' attrici bdiet taghti l-esekuzzjoni taghha tal-istess kuntratt, u bla ebda dubju kwalunkwe bdiet l-istess esekuzzjoni bla ma qatt aderixxiet ruhha man-numru minimu ta' persuni li hija kellha tipprovdi ta' kuljum fuq il-lant tax-xoghol, u dan jinsab ikkonfermat minn diversi *nursing officers* li kienu *duty* fid-diversi swali relattivi.

Illi ghalhekk abbazi tal-klawsoli fuq indikati d-Direttur tal-Kuntratti kellu d-dritt li jesigi li l-istess kuntratt jigi terminat, u fil-fatt utilizza tali dritt lilu moghti espressament fl-istess ftehim u dan skond ukoll id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1069 tal-Kap 16.**

Illi in vista tal-premess, l-istess konvenuti id-Direttur tal-Kuntratti u c-*Chief Government Medical Officer* jirrizulta li kellhom raguni valida u gusta sabiex jitterminaw il-kuntratt mas-socjeta' attrici, u ghalhekk it-talbiet attrici ma ghandhomx jigu milquha u minflok din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti, f'dan il-paragrafu indikat, u tillibera lill-*Accountant General* mill-osservanza tal-gudizzju.

## <u>VII. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut l-*Accountant General* u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ic-*Chief*

*Government Medical Officer,* min-naha l-ohra tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha taz-zewg konvenuti d-Direttur tal-Kuntratti u t-Tabib Principali tal-Gvern, u ghalhekk **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**29 ta' Novembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru 2001.**